**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 80**

**Data:** **13 ta' Settembru, 2018**

**Hin:** **1.02pm**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Carmen Vella* | *Vici Sindku* |
| *Emanuel Muscat* | *Kunsillier* |
| *Shirley-Anne Cecchini* | *Kunsillier* |
| *Anthony Camilleri* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

80.1 Approvazzjoni tal-Minuti tad-79 laqgha tal-Kunsill

80.2 Ambaxxatur V16

80.3 Creativity Hub

80.4 Xogholijiet fit-Toroq

80.5 Kollaborazzjoni ma' l-Iskola

80.6 Attivitajiet

80.7 Cirkularijiet tad-Dipartiment Gvern Lokali

80.8 Skeda ta' Pagamenti

80.9 Korrispondenza u materji ohra

80.10 Aggornament

---

**80.1 Approvazzjoni tal-Minuti tad-79 laqgha**

80.1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**80.2 Ambaxxatur V16**

80.1.2 Gie spjegat li l-Ambaxxatrici taz-zghazagh ghadha kemm ghalqet 18 –il sena u ghaldaqstant spicca t-terminu taghha bhala Ambaxxatrici V16. Giet ipprezentata lista ta' zghazagh li ghandhom 16 il sena u 17– il sena. Saret diskussjoni fuq l-ghazla fejn il-Kunsill qabel fuq tlieta li kienu Abigail Portelli, Clive Rotin u Isabella Farrugia. Itellghu bix-xorti dawn it-tlett ismijiet u l-ghazla giet kif segwenti 1. Isabella Farrugia, 2, Abigail Portelli u 3. Clive Rotin.

**80.3 Creativity Hub**

80.3.1 Is-Sindku spjega li issa wasalna biex jigi ffirmat l-Memorandum of Understanding mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni pero' l-problema hija li ma tantx hemm zmien sabiex isiru x-xogholijiet minhabba li dan kien previst li jsir waqt il-vaganzi tas-sajf. Emanuel Muscat staqsa dwar kif ser ikun l-access ghal dan il-post u dwar it-tfal ta' l-Iskola. Gie spjegat li l-access ser ikun minn gewwa l-librerija wara l-hinijet ta' l-Iskola. Fil-weekends u festi pubblici jrid jingab il-permess mill-kap ta' l-iskola sabiex jigi accessat ic-centru.

80.3.2 Gie spjegat li l-Kunsill qieghed lura fix-xogholijiet u sabiex ma jintilfux il-flus iridu jibdew jinxtraw l-affarijiet. Is-Sindku spjega li huwa ddiskuta mas-Sur Conrad Claus sabiex jipprepara kwotazzjoni ghall-makkinarji u affarijiet ohra necessarji. Fil-prezent ix-xogholijiet ser isiru fil-weekend u fil-festi fejn min-naha ta' l-iskola inghataw il-granet tal-vaganzi fejn jista' jsir xoghol min-naha tal-Kunsill.
Fil-prezent il-kmamar fejn ser isir ix-xoghol qeghdin jitbattlu u intalbet ghajnuna lill-Ministeru ghal Ghawdex sabiex isir ix-xoghol ta' tbattil. Saret laqgha f'dan ir-rigward mas-Sur Lorry Apap u mill-gimgha d-diehla ser jinghataw bidu dawn ix-xogholijiet.
Emanuel Muscat stasqa fejn ser jitpoggew il-makkinarju fil-prezent fejn gie spjegat li dawn ser jitqeghdu fil-lecuture room li hemm fil-health centre sabiex jintuzaw minn dan il-post.

80.3.3 Xoghol iehor relatat li qed isir bhalissa huwa l-parti fejn ser isir il-gym area ghat-tfal sabiex l-*equipment* li qieghed diga f'idejn il-Kunsill ikun jista' jitpogga. Dan ix-xoghol mhux ser jirrekjedi hafna xogholijiet. Gie ssugerit ukoll li jitpoggew ftit stampi mall-hajt sabiex ikun aktar attraenti. Il-mira hija li dan ix-xoghol ikun lest sa l-ahhar tas-sena. Hekk kif jitlestew dawn ix-xogholijiet ikun jista' jinbeda

xoghol fuq il-parti tal-blokka fejn kien hemm il-haddieda. Ghad irid jigi deciz jekk jitpoggiex gypsum jew jinkesa l-hajt pero' l-probabililta' hija li jsir tal-gypsum. Il-madum u d-dwal iridu jinbidlu. Fil-mument qed nistennew lill-Perit jigi mis-safar u wara naraw kif jista' jinhadem. Il-mira hija li sa l-ahhar ta' Dicembru, jkollna kollox jahdem u jopera. Gie spjegat ukoll li trid tinxtara l-ghamara ghal dan il-post kif ukoll l-aperturi godda.

80.3.4 Is-Sindku qal li l-bierah kellu laqgha ma' ufficjali mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni fejn dawn talbu li jsir refurbishment tac-ChildCare Centre u li l-Kunsill inghata tlett gimghat.
Emanuel Muscat staqsa min ser jaghmel ix-xoghol. Is-Sindku spjega li jridu naraw kif nistghu naghmlu biex niffacilitaw ix-xogholijiet. Illum stess grupp ta' haddiema fethu l-bieb ta' l-entratura taz-zona l-gdida. Gew diskussjoni xogholijiet ohra li ghad iridu jsiru fosthom li jrid jissaqqaf parti mill-outdoor area prezenti. Saret diskussjoni dwar kif jista' jsir dan is-saqaf.
Is-Sindku qal li illum ukoll saret zjara minn persuna intiza fil-qasam fejn fuq struzzjonijiet moghtija gew imnehhija xi oggetti mic-centru. Huwa zied jghid li l-avukat tal-Kunsill kien qed ihejji dokument ghac-child carers sabiex dawn ikunu responsabbli anke tan-negligenzi. Gie ssugerit ukoll sabiex isiru particians ukoll.
Sadanittant il-Kunsill qieghed jahdem sabiex tigi akkwstata ghamara gdida ghac-centru u meta x-xoghol ikun lest issir open day ghall-aktar pubblicita' ghac-centru.
Il-Kunsill qabel li ghandu jsir ix-xoghol mehtieg ghac-centru.

## 80.4 Xogholijiet fuq it-Toroq

80.4.1 Gie spjegat li fil-prezent il-Kunsill ghandu erba' toroq jew parti minnhom li jrid isir xoghol fuqhom. Wahda minnhom hija Triq San Pietru fejn parti mit-triq trid tithammel u jitpogga c-caq u wara jsir ir-resurfacing. Flimkien ma' din hemm ukoll Triq Birbuba mill-parti d-dejqa sa fejn hemm it-transformer. Fuq din il-parti Anthony Camilleri gibed l-attenzjoni li n-naha ta' gewwa kif tispicca d-dejqa jkun hemm parking hazin u johloq problemi.
Xogholijiet ohra huma t-tieni layer ta' Triq Virtut u Triq Dun Alwig Mizzi.

80.4.2 Il-Vici Sindku staqsiet dwar Triq Frangisk Portelli. Is-Sindku qal li l-Bill of Quantities tlesta' min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex u ghandu jigi ppublikat fuq is-sistema tal-offerti online.

80.4.3 Is-Sindku qal li huwa importanti pero' li l-ewwel tigi rrangata Triq San Dimitri peress li fil-gimghat li gejjin ser jitella' l-Kite and Wind Festival. Fuq din in-nota' gie indikat is-sit ta' fejn ser isir il-kite festival kif gie indikat mir-rapprezentant taljan. Saret diskussjoni fejn gew identifikati s-sidien ta' l-ghelieqi taz-zoni identifikati.

## 80.5 Attivitajiet

80.5.1 L-ewwel attivita’ li ser issir hija l-harga ghal Malta nhar il-Erbgha tal-Gimgha d-diehla. Il-program propost ser jinkludi zjara lil monti taz-Zejtun, harbour cruise u wara zjara fil-Palazz tal-President u l-kitchen garden fejn jieqfu jieklu hemm. Gie diskuss dan il-programm fejn gie deciz li l-monti jkun dak ta’ Birkirkara minflok dak taz-Zejtun u l-Kunsill ser jara jekk ikunx possibli li l-grupp jattendi ghall-Quddiesa gewwa l-Knisja ta’ Santa Elena f’Birkirkara. Il-Kunsill qabel ukoll li l-bqija tal-program jibqa’ kif gie propost.

80.5.2 Attivita’ ohra ser tkun dik tal-Kite and Wind festival fejn din ser issir b’fondi miksuba mill-fond kulturali b’total ta’ €15,000.00. Flimkien mall-Kunsill inghaqad il-Ministeru ghal Ghawdex sabiex minflok jigu organizzati zewg attivitajiet issir wahda kbira f’Ghawdex. Ghaldaqstant il-Ministeru ser jinvesti €17,000.00 ghal dan il-festival. Gie spjegat li s’issa hemm invitati partecipanti mill-Gappun, Italja, Indja, Vietman, Russia, Germanja, Svizzera, Polonja, Olanda, Franza u Ingilterra. Bhala akkomodazzjoni dawn ser ikunu joqghodu fil-Villagg tal-Fanal, l-Ghasri. Il-partecipanti huwa previst li jaslu l-Hamis matul il-gurnata u skond l-ftehim fl-istess gurnata dawn ser imorru l-gym sabiex jirrangaw kollox ghall-workshops tat-tfal li ser isiru l-gimgha. Gie spjegat l-program propost fejn fil-gurnata tal-gimgha huwa previst li wara l-workshops jiehu l-ikla ta’ nofsinhar u wara jkollhom hin tal-mistrieh fejn iduru bil-bus hop on hop off. Iktar tard filghaxija isir il-ftuh ufficjali fejn titlaq parata bis-sehem tal-partecipanti kollha u l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni ghall-pjazza. Mall-wasla fil-pjazza huwa previst li ssir introduzzjoni tal-partecipanti u ssir majjalata filwaqt li jkun hemm grupp folkloristiku janima.

Il-gurnata tas-Sibt hija proposta li jibdew bit-tajr tal-kites fiz-zona ta’ San Dimitri fejn ser isiru zewg korsijiet wiehed bejn l-10.30am u 12.00pm u l-iehor bejn is-2.30pm u l-4pm. Min ser ikun jixtieq li jibbukkja jrid jaghmel dan online peress li din hija sistema mill-Ministeru ghal Ghawdex. F’din il-gurnata filghaxija qed tigi identifikata l-possibilita’ li ssir cinema fl-apert u jsiru re-enactments. Anthony Camilleri staqsa dwar il-parkegg f’din iz-zona. Is-Sindku spjega li hemm zewg possibilitajiet li huwa jew Park and ride jew bhal ma’ jsir fil-festa ta’ San Dimitri. Saret diskussjoni dwar din fejn gie innotat li jista’ jinstab sid ta’ ghalqda fiz-zona li jkun jista’ jigi avvicinat biex joffri l-ghalqa tieghu ghall-parkegg. Anthony Camilleri offra l-ghalqa tieghu ghal skop ta’ parkegg.

Apparti minn dan gie diskuss is-sistema ta’ parkegg li trid tigi organizzata ghal dan il-festival.

Materji ohra li gew diskussi huma l-possibilita’ li jigi organizzat kuncert waqt il-festival kif ukoll tigi kkrejata zona ghat-tfal.

Il-program tal-hadd gie propost jinkludi titjir tal-kites u kompetizzjoni. Wara nofs in-nhar ikun hemm il-prezentazzjoni tal-premijiet u sorpriza ghat-tfal. Il-program tal-Hadd jkun jispicca fl-4pm.

Fir-rigward ta’ ikel is-Sibt is-Sindku propona li il-grupp jattendi ghall-barbeque organizzat mill-kumitat tal-festa. Is-Sindku spjega li l-Kumitat tal-festa wera x-xewqa li huma biss ikunu jbieghu xorb u ikel waqt il-festival. Huwa zied jghid li l-Hadd ser ikun hemm laqgha fejn ser jigi diskuss dan il-festival u l-fiera ta’ San

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

Dimitri u ghal dan il-ghan huwa stieden sabiex min mill-Kunsilliera jixtieq li jattendi jista' jmur. Huwa qal ukoll li l-gimgha d-diehla ser issir laqgha sabiex jigi diskuss f'aktar dettal dan il-festival.

Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi mall-program tal-festival kif diskuss.

80.5.3 Attivita' ohra li ser tigi organizzata hija l-festival Qasba Zejt – *Myths, Folklore & Legends Festival* u Make Music Great li ser ikun qed isir fix-xahar ta' Novembru. Flimkien maghhom ser ikun hemm ukoll l-eghluq tal-program tal-progett 'Small Towns Big Results'. Saret diskussjoni fejn gie maqbul li ghal dan il-festival jigu mistiedna tlett baned Maltin simili bhas-sena l-ohra kif ukoll tnejn ohra li gejjin mis-Slovenja u mir-Repubblika Ceka. Il-Kunsill qabel ukoll li l-program tal-gimgha jinkludi fih l-opra li fuqu qed tahdem l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni flimkien ma' George Mizzi filwaqt li l-gurnata tas-Sibt ser tkun program Muzikali fil-Pjazza bil-partecipazzjoni ta' baned lokali u ohrajn barranin. Fil-gurnata tal-Hadd ser ikun hemm program li jinkludi fih il-kxif u tberik tal-monument tal-gwerra segwit b'parata u program simili bhal tas-sena l-ohra.
Saret diskussjoni dwar it-twahhil tal-monument fejn gie deciz li ser titranga z-zona ta' fejn il-bus shelter, tehel bus shelter gdida u tigi embellished din il-parti biex jehel il-monument fuq pedestall tal-irham.

80.5.4 Attivita' li biha gie infurmat il-Kunsill jumejn ilu hija l-istedina ghall-partecipazzjoni tal-Infiorata gewwa l-Messiku. Gie innotat li l-biljett ta' l-ajru ghal din iz-zjara jiswa madwar €1200 kull persuna u €60 kull gurnata ghall-akkomodazzjoni u ikel. Gie spjegat li qed jigi mitlub sponsor mill-Assocjazzjoni pero' tajjeb li l-Kunsill jigi raprezentat. Id-dati previsti ghal din l-Infiorata huma bejn it-28 ta' Settembru u l-10 ta' Ottubru. Is-Sindku qal li l-grupp ta' l-Infjoraturi gew mistiedna sabiex min jixtiequ li jattendi u meta jkun hemm dettalji jistghu jingabru l-prezzijiet. Fl-istess waqt is-Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex min jixtieq li jattendi ghal din ghandu jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv. Gie spjegat li din l-Infiorata ser issir bhal ma saret fi Brussel fejn issir Infiorata kbira u wara ssir dik individwali. Il-Kunsill qabel li ghandu jippartecipa ghal din l-Infiorata.

80.5.5 Attivita' li ser issir fit-22 ta' Settembru hija dik tal-European Mobility Week fejn bhas-sena l-ohra qed jigi propost li jsir restaurant fil-pjazza. Il-program propost jinkludi fih zona bit-turf sintetiku, Bouncing Castle ghat-tfal fil-Pjazza, zona tar-robotika ghat-tfal, zona tan-natura fejn ikun hemm il-pjanti aromatici, ezebizzjoni ta' muturi elettrici u tours bis-segaways bhas-snin precedenti. Flimkien ma' dawn il-proposti jinkludu lotterija ta' roti ta' l-elettriku. Il-Kunsill qabel ma' dan il-program u qabel ukoll li ghandu jitqassam program mall-bullettin.

## 80.6 Cirkularijiet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali

80.6.4 Ma' kienx hemm Cirkularijiet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**80.7 Skeda ta' Pagamenti**

80.7.1 L-iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill Lokali l-Gharb.

**80.8 Korrispondenza u Materji ohra**

80.8.1 Il-Vici Sindku ssuggeriet sabiex il-kantanti li hadu sehem f'Jum l-Gharb jinghataw hlas minimu ta' bejn €15 / €20 tal-partecipazzjoni taghhom. Il-Kunsill qabel unanimament.

80.8.2 Fir-rigward tal-problema li inqalghet fuq il-gbir ta' skart minhabba s-sitwazzjoni tal-GreenMT, il-Kunsill gie infurmat li fil-prezent l-ERA qeghda tiehu hsieb ta' dan il-problema.

80.8.3 Il-Vici Sindku talbet sabiex fi Triq l-Gharb fejn il-Bus Stop jitwahhal bank fejn in-nies li jkunu qed jistennew il-Bus. Gie innotat li din it-triq hija wahda arterja liema triq taqa' taht it-Transport Malta. Il-Kunsill qabel li jressaq it-talba lit-Transport Malta.

80.8.4 Anthony Camilleri qal li s-sigar fit-triq ta' Wied il-Mielah iridu jitrangaw. Il-Kunsill qabel li ghandu jinbtbghat il-haddiem sabiex jaghmel il-plastic u jiddritta dawn is-sigar.

80.8.5 Il-Vici Sindku staqsiet dwar il-bus shelters. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien applika ghal bus shelter fi Triq l-Gharb pero' din hija triq arterja. Fl-istess diskussjoni Anthony Camilleri semma li hemm bzonn ohra fi triq Ta' Pinu u s-Sindku qal li tajjeb li ssir wahda n-naha t'isfel ta' Triq il-Virtut.

80.8.6 Emanuel Muscat staqsa jekk hux possibli li ssir grada vicin il-grada ta' l-ilma fil-bidu ta' Triq Birbuba kif thalli Virtut peress li z-zona hija ftit perikoluza minhabba sewqan. Is-Sindku qal li xi residenti talbu sabiex dawn jitnehhew. Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha terga' tigi diskussa la darba jitlestew ix-xogholjiet f'din iz-zona.

80.8.7 Korrispondenza minghand is-Segretarju Parlamentari ghal Persuni b'Dizabilita' u Anzjanita' Attiva dwar il-Premju Anzjanita' Attiva'. Il-Kunsill iddiskuta' din il-materja u qabel li ghandha tigi nominata Marianne Micallef.

80.8.8 Gie spjegat li s-Segretarju Ezekuttiv u l-impjegati tal-Kunsill kien ghad fadlilhom xi vacation leave li minhabba impenji ta' xoghol mhux ser ikun ittiehed sa l-ahhar tas-sena. Fil-prezent kien ghad fadlilhom hekk segwenti Segretarju Ezekuttiv 194.25, Ufficjal Ezekuttiv 154.50, CIES (1) 174.25 u CIES (2) 160.00. Il-Kunsill qabel li l-Vacation Leave ghandu jizdied ma' tas-sena d-diehla.

80.8.9 Il-Kunsill gie infurmat li –progett 'Naught scientists' kien gie approvat. Il-Kunsill qabel li ghandu jara kif dawn ser jigu organizzati.

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

**80.9 Aggornament**

80.9.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis 18 ta' Ottubru, 2018 fin-12.30pm.

80.9.2 Il-laqgha spiccat fit-3.05pm.

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv